**Ruling mogħti mill-President tal-Kamra l-Onor. Myriam Spiteri Debono fis-Seduta 29 tal-14 ta’ Frar 1997 dwar Ksur ta’ Privileġġ:Rappurtaġġ fil-media**

B'referenza għall-avviż ta' Ksur ta' Privileġġ imqajjem mill-Onor. Joe Cassar fis-Seduta Nru 27 tal-11 ta' Frar, 1997 ninforma lill-Kamra li ntlaħaq qbil bejn l-Onor. Membru u d-direzzjoni tal-ġurnal "Kull Ħadd" li fil-ħarġa li jmiss tal-Ħadd, 16 ta' Frar, 1997 tiġi ppubblikata mill-istess ġurnal dikjarazzjoni ta' dispjaċir għal kull inkonvenjent li seta' nħoloq lill-Onor. Membru.